**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 45/2023 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**vs**

**Sahal Jama Mohammed**

**Illum 25 ta' Jannar, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sahal Jama Mohammed ta' 20 sena, bin genituri mhux maghrufa, imwieled Somalia nhar il-1 ta' Jannar 2003, li joqghod f'indirizz mhux maghruf u dententur tan-numru tal-Pulizija 19XX-037,

Akkuzat talli matul il-perjodu ta' bejn il-15 ta' Jannar 2023 u id-19 ta' Jannar 2023, b'diversi atti, maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli bjen erbgha ta' wara nofsinhar (16:00hrs) u is-sitta ta' wara nofs in-nhar (18:00hrs) ta' nhar il-15 ta' Jannar 2023, gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Smart li jinsab fi Triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara ikkommetta serq ta' mowbajl, li sar ghad-dannu ta' Arafatul Hoque u/jew ta' xi persuna/i ohra, u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);
2. U aktar talli bejn il-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs) u nofsinhar (12:00hrs) ta' nhar id-19 ta' Jannar 2023, gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' The Convenience Shop Ltd, li jinsab fi Triq il-Wied, Balzan ikkommetta serq ta' oggetti, li sar ghad-dannu tad-dirigenti tas-socjeta' The Convenience Shop Ltd u/jew ta' xi persuna/i ohra, u/jew entitajiet ohra;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, ghen jew assista lill-persuna mhux maghrufa tisraq oggetti, li sar ghad-dannu tad-dirigenti tas-socjeta' The Convenience Shop Ltd u/jew ta' xi persuna/i ohra, u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur ma' jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);
4. U finalment talli nhar id-19 ta' Jannar 2023 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ghix hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg;

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif stabbilit fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 20 ta' Jannar 2023;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' dokumenti immarkati, person detailes bhala Dok AA1, fedina penali ta' l-imputat immarkata bhala Dok AA2, starrija immarkata bhala Dok AA3, kunsens ta' l-Avukat Generali immarkat bhala Dok AA4, okkorrenza immarkata bhala Dok AA5, okkorrenza immarkata bhala Dok AA6 u dokumenti ta' identifikazzjoni immarkata bhala Dok AA7;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta fl-20 ta' Jannar 2023;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna dik l-ammissjoni tieghu, u dan anke wara li l-Qorti regghet tat opportunita' biex l-imputat jerga' jkellem lill-konsulent legali tieghu huwa ikkonferma dik l-ammissjoni tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet orali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ghal dak li jirrigwarda l-piena li ghandha tinghata;

**Ikkunsidrat**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-htija l-Qorti m'ghandiex triq ohra ghajr li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u dan in vista ta' l-ammissjonic cara u inekwivoka ta' l-imputat.

Illi kwandu dak li jirrigwarda piena li ghandha tinghata lill-imputat l-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda nadifa, kif ukoll l-ammissjoni ta' l-imputat li nghatat fi stadu bikri hafna ta' dawn il-proceduri b'dan li l-Qorti ma kelliex ghalfejn tahli izjed hin biex tigbor il-provi f'din il-kawza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 267, 279, 284, 285, 42(d), u 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-imputat Sahal Jama Mohammed hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jibqghu sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati Sahal Jama Mohammed il-portata ta' din is-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dr Caroline Farrugia Frendo

Magistrat

Maria Grech Cardona

Deputat Registratur